L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2-3 (Is-Smigħ) |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | 25 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total: 20 marka)**

**Il-Proċedura:**

1. Il-kandidati jiġu mistiedna jaraw l-eżerċizzji li huma mistennija li jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba, li jieħu madwar 5 minuti. Waqt dan il-qari, il-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 5 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u matulha l-kandidati jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. Jingħataw l-aħħar 5 minuti biex il-kandidati jtemmu l-eżerċizzji.

**Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki**

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-eżaminaturi biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# X'Qala' l-Baħar?

Il-qamar kien kwinta u konna f'nofs Novembru. Dalam sew u kont qiegħed mixħut fuq mitraħ irqiq taħt irdum għoli għall-kenn. Ili mas-sitt sigħat li wasalt bir-riġel l-Imġiebaħ, wieħed mill-aktar imkejjen għal qalbi f'art twelidi.

Kont ġejt armat sew b'dak kollu li kelli neħtieġ: ktejjeb tan-notamenti, lapsijiet, torċ tal-batterija fil-but u stoċċ menta. Issa kont mimdud fuq il-mitraħ, inħares 'il fuq lejn is-sema u nara nagħrafx xi kwiekeb li suppost darba studjajt dwarhom.

Ftit passi 'l bogħod minni, ħuġġieġa żgħira tal-bużbież, qasab niexef u injam li ġbart. Dawwartha b'borġ ġebel żgħir biex tarmi s-sħana fuqi u biex tnaffar il-ġrieden tal-kampanja li jittantaw jiġu jesploraw dan il-viżitatur naqra m'aħniex, li flok għażel li joqgħod id-dar għall-kumditá u l-kenn, ġie hawn, fl-aktar post diżabitat fuq Malta, għal xi raġuni partikolari li ma setgħux jifhmu.

Maġenbi barżakka bl-ikel, ix-xorb, flokk tas-suf u kutra tas-servizz, fil-każ li nħoss il-kesħa tas-sirda. Waqt li qiegħed inħares lejn is-sema u nitpaxxa bil-kobor tal-univers, u ċ-ċokon immens tal-bniedem, nisma' l-mewġ tiela' mar-ramla. Jasal sal-medda ċagħqija u jerġa' lura mnejn ġie. Iċ-ċaqliq taċ-ċagħaq iqabbadni n-ngħas, allavolja ħadt żewġ tazzi kafè qawwi daqs il-qatran, biex nibqa' mqajjem.

Qiegħed hawn biex nosserva l-għasafar li jistgħu jkunu tal-post u t-tajr tal-baħar. L-aktar ħerqan li nara huwa l-garni, speċi ta' ċiefa li tbejjet fil-Mediterran. Dan huwa parti mir-riċerka tiegħi biex nagħmel monitoraġġ tal-imġiba tagħhom u fejn jagħmlu bejta fix-xquq tal-blat tal-irdumijiet.

Il-poplu Malti qiegħed jirranġa ftit, u ma għadux qisu għadu kif ħareġ mill-għerien u skopra kif isajjar. Qiegħed jifhem aktar il-ħtieġa li jgħożż il-ħolqien naturali li jgħix madwaru. X'jiswa li tkun fratell b'xemgħa f'idejk, qisek anġlu miexi fl-art, quddiem il-vara meqjuma tal-patruna, biex l-għada tmur tispara fuq kulma jtir quddiemek u teqirdu darba għal dejjem minn wiċċ id-dinja?

Kont ili mid-dlam nistenna mqar għajta ta' xi garnija jew ta' xi ċiefa. Imma neħħi l-friefet il-lejl jittajru geġwiġija fuqi, bqajt b'xiber imnieħer. Bil-ħoss taċ-ċafċif tal-baħar maċ-ċagħaq, il-ftit sħana tan-nar ittaffi l-kesħa u l-hena li ħassejt, għajni marret bija u rqadt. Għaddew mal-erba' sigħat u nofs qabel ftaħt għajnejja. Insejt fejn qiegħed, sakemm minn taħt il-għajn rajt in-nar qiegħed imut hekk kif il-ħatab sar ġamar inemnem.

*(Addattament min-novella 'X'Qala' l-Baħar' ta' Steve Borg mill-ġabra 'Tad-Demm u l-Laħam', KKM, 2021)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-Università ta' Malta

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Is-Smigħ** **(Total: ☐ / 20 marka)**

Wieġeb skont kif mitlub.

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

Il-frażi 'wasalt bir-riġel' tfisser li l-awtur

a. ivvjaġġa bil-mixi.
b. għadda minn toroq li ma jgħaddux karozzi minnhom.
ċ. kien iħobb juża t-trasport pubbliku flok il-karozza tiegħu. (1)

2. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

'wieħed mill-aktar imkejjen għal qalbi f'art twelidi' tfisser li

a. f'Malta fadal biss dan il-post li jogħġob lill-awtur.
b. l-awtur iħoss li m'għadx fadal postijiet ta' mistrieħ f'Malta.
ċ. dan huwa wieħed mill-aktar postijiet f'Malta li jħobb l-awtur. (1)

3. Imla din it-tabella b'informazzjoni li smajt fis-silta marbuta mal-kelma mogħtija.

| | | |
|---|---|---|
| a. armat | | gozz/qabda ġebel li dawwar man-nar biex iżomm is-sħana qribu. |
| b. kwiekeb | | ħaseb u ħa miegħu dak kollu li kellu bżonn biex iqatta' jumejn josserva. |
| ċ. bużbież | | qagħad jipprova jiftakar dak li kien tgħallem fuqhom l-iskola. |
| d. borġ | | zkuk tax-xitla li uża biex iqabbad in-nar. |

(4)

4. a. Xi skop kellha l-ħuġġieġa żgħira li qabbad l-awtur, apparti li żżomm 'il bogħod il-ġrieden?

_______________________________________________ (2)

***Din il-mistoqsija tkompli fil-paġna li jmiss.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

b. X'jimmaġina l-awtur li jaħsbu fuqu l-ġrieden meta jarawh hemm?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(1)

5. a. X'ħoss jisma' l-awtur waqt li kien josserva s-sema bil-kwiet?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(1)

b. X'effett iħalli fuq l-awtur dan il-ħoss?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

6. Ikteb jekk hux Veru jew Falz u għaliex taħseb hekk.

| | Veru jew Falz |
|---|---|
| a. L-awtur mar l-Imġiebaħ bla ħsieb ta' xejn u b'kumbinazzjoni. | |
| Għaliex? | |
| b. L-awtur kien studjuż tal-ambjent Malti. | |
| Għaliex? | |
| ċ. Fis-silta jidher li l-awtur għandu opinjoni tajba tal-poplu Malti u kif dan qed iħares lejn l-ambjent ta' madwaru. | |
| Għaliex? | |
| d. Fis-silta tinħass kritika tal-awtur għall-ipokrezija ta' xi Maltin fejn tidħol l-għożża tal-ambjent Malti. | |
| Għaliex? | |

(4)

7. a. Agħti t-tifsira tal-frażi "qisek anġlu miexi fl-art", skont kif użata fil-kuntest tas-silta li smajt.

______________________________________________________________(1)

b. X'jurik fis-silta li l-awtur ma kellux suċċess f'dak li xtaq dik il-lejla?

______________________________________________________________(1)

8. X'valur tara fix-xogħol ta' nies bħall-awtur li jagħmlu monitoraġġ tal-għasafar u l-ħlejjaq fl-ambjent Malti?

______________________________________________________________(2)

**Taqsima B: Il-Kitba** **(Total: ☐ 20 marka)**

**Ikteb bejn 240-300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Iltqajt ma’ ħabib antik li kont ilek ma tarah, u sirt taf li l-professjoni tiegħu hi dik ta’ kowċ tal-eżerċizzju fiżiku. Ikteb **djalogu** bejnek u bejnu li fih toħroġ ħidmietu, is-sagrifiċċji li jagħmel u l-benefiċċji tal-eżerċizzju fiżiku.
2. Jgħidu li d-dixxiplina hija s-sinsla tas-soċjetà, imma ħafna jilmentaw li din naqset ħafna llum il-ġurnata. Ikteb **artiklu t’opinjoni** biex tesprimi l-opinjoni tiegħek dwar dan.
3. Fix-xogħol tiegħek ta’ ġurnalist kemm-il darba kont f’sitwazzjoni ta’ periklu estrem. Dan l-aħħar xogħlok kien li tmur ġimgħa taqdi dmirijietek f’pajjiż milqut mill-gwerra. Ikteb dwar jum partikolari minn din il-ġimgħa fid-**djarju** tiegħek.
4. Xi xhur ilu ġie f’idejk ktieb tal-qari bil-Malti li kont ilek imħajjar għalih, u li ħadt ħafna gost taqrah. Ikteb **reċensjoni** tiegħu.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**Taqsima Ċ: Il-Qari** **(Total: ☐ / 20 marka)**

**Puttinu Cares jixtri propjetà oħra fiċ-ċentru ta’ Londra**



Fl-10 ta’ Ġunju 2022 sar l-iffirmar mill-Fondazzjoni Puttinu Cares tax-xiri ta’ propjetà oħra għal pazjenti fiċ-ċentru ta’ Londra. Din il-propjetà, mgħammra bi 23 appartament, se tintuża mill-pazjenti u l-familjari. Dan il-proġett huwa stmat li ħa jiġi jiswa madwar 20 miljun lira sterlina sabiex jitlesta. Din il-binja ser tkun imsemmija għat-tabib Dr Victor Calvagna.

Il-Fondazzjoni Puttinu Cares twaqqfet fl-2002 sabiex tgħin tfal morda bil-kanċer. Kull min kellu bżonn isiefer dak iż-żmien għall-kura ried ifittex u jħallas appartament hu sabiex joqgħod fih matul iż-żmien li jkun barra minn xtutna għall-kura. Għal dan il-għan, bis-saħħa ta’ Puttinu Cares u bl-għajnuna u bil-ġenerożità tal-poplu Malti u Għawdxi, bdew jinxtraw appartamenti f’Sutton qrib l-isptar Royal Marsden. Tul is-snin, Puttinu fetaħ l-għajnuna għaż-żgħażagħ u l-adulti wkoll.

Minħabba li r-rata ta’ pazjenti li jitilgħu għall-kura fl-Ingilterra żdiedet matul is-snin, id-domanda għall-akkomodazzjoni żdiedet ukoll. Għalhekk ittieħdet l-inizjattiva minn Puttinu Cares li jsir studju ta’ kemm u fejn jitilgħu l-iżjed il-pazjenti, u rriżulta li l-maġġoranza tal-pazjenti jżuru sptarijiet fiċ-ċentru ta’ Londra. Wara ħafna snin ta’ tfittxija u diffikultajiet, inxtrat binja li hija għaxar minuti mixi bogħod miċ-ċentru ta’ Londra, u daqstant ieħor mill-istazzjonijiet tal-ferrovija. Dan jiffaċilita ħafna l-vjaġġ tal-pazjent meta jiġi biex imur għall-visti l-isptar. Il-binja hija mdawra wkoll b’postijiet fejn wieħed jista’ jixtri l-bżonnijiet ta’ kuljum tiegħu, il-ħwienet, ir-ristoranti u anke t-trasport pubbliku. Hija viċin ukoll Regent Park sabiex il-pazjenti u l-familjari kollha jkollhom post fejn jirrilassaw.

Puttinu huwa xhieda li l-poplu Malti u Għawdxi huwa wieħed mill-iżjed ġenerużi fid-dinja. Puttinu Cares iħoss ir-responsabbiltà tal-fiduċja li l-poplu dejjem wera fih u jrid li jħalli wirt li jibqa’ jintuża mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Dan il-proġett għandu jkun ta’ unur għal pajjiżna, tant li anke l-barranin jistagħġbu bl-għaqal tal-poplu Malti u Għawdxi. L-iskop ta’ dawn l-appartamenti dejjem jibqa’ sabiex il-pazjenti u l-familjari tagħhom jiffukaw fuq it-trattament u l-fejqan, filwaqt li Puttinu jerfa’ biċċa mill-piż tat-tbatija tagħhom billi joffrilhom serħan il-moħħ li se jsibu appartament dinjituż jistenniehom bla ma jħallsu xejn.

Illum il-ġurnata Puttinu Cares għandu żewġ binjiet f’Sutton li jinkludu 20 appartament, u li bl-għajnuna tal-poplu Malti u Għawdxi huma mħallsa kollha.

*(Addattament mis-sit https://puttinucares.org)*

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. a. Aqta' linja taħt is-sentenza li l-aktar tagħmel sens skont dak li qrajt fis-silta.

Il-Fondazzjoni Puttinu Cares xtrat l-appartamenti f'Sutton

i. biex tgħin lit-tfal morda;

ii. biex tnaqqas it-tbatija żejda tat-tfal morda u l-familjari tagħhom;

iii. biex il-pazjenti ma jħallsux għall-appartament fejn joqogħdu. (1)

b. Imla l-vojt.

Biex jitnaqqas l-iskariġġ, Puttinu Cares xtraw dawn l-appartamenti ______________ l-isptar Royal Marsden. (1)

2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

a. In-numru ta' pazjenti li jitilgħu l-Ingilterra (ma nbidilx, naqas, żdied) matul is-snin. (1)

b. Dan hu artiklu (fittizju, informattiv, umorisitiku). (1)

3. a. Minn dan l-artiklu, wieħed għandu japprezza kemm il-poplu Malti u Għawdxi hu (egoist, ġeneruż, aljenat). (1)

b. "Dan jiffaċilita ħafna l-vjaġġ tal-pazjent meta jiġi biex imur għal visti l-isptar." Fisser il-kelma "jiffaċilita" billi tagħti kelma/frażi oħra għaliha.

______________________________________________________________(1)

4. Minn dak li qrajt fit-tielet paragrafu, għaliex taħseb li l-Fondazzjoni Puttinu Cares daħlet għax-xiri ta' din il-propjetà?

______________________________________________________________(2)

5. Għal min hu indirizzat dan l-artiklu? Għala għandu japprezza l-kontenut ta' dan l-artiklu?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

6. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex taħseb li proġett bħal dan se jaffettwa b'mod pożittiv lill-pazjenti u lill-familjari tagħhom?

a. ____________________________________________________________

b. ____________________________________________________________ (2)

7. a. L-awtur ta' din is-silta jqanqal empatija fil-qarrej f'dak li jirrigwarda ħidmet Puttinu Cares. Agħti **ŻEWĠ** strateġiji li jħaddem il-kittieb f'din is-silta biex jaffettwa lill-qarrejja.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

b. Spjega r-relazzjoni li hemm bejn it-test u l-istampa.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8. Ikteb taqsira ta' madwar **30 kelma** billi tislet il-punti ewlenin mit-tieni u t-tielet paragrafu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima D: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ 20 marka)**

**A. Il-Morfoloġija** (10 marki)

Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

1. L-aġġettiv superlattiv ta' 'qadim' huwa
a. iktar qadim
b. eqdem minn
ċ. l-eqdem
d. qadim ħafna ħafna. (1)

2. Iz-zokk morfemiku ta' 'trattament' huwa
a. jittratta
b. tratt
ċ. ittratta
d. trattar. (1)

3. L-għerq tal-verb 'nitkissru' huwa
a. T-K-R
b. K-S-R
ċ. K-SS-R
d. S-R-U. (1)

4. '113 ' quddiem il-kelma karozza, tingħad
a. mija u tlettax-il karozza
b. mitt karozza u tlettax
ċ. mija karozzi u tlettax-il waħda
d. mija, għaxra u tliet karozzi. (1)

5. 'trab' huwa nom
a. astratt
b. mimmat
ċ. propju
d. kollettiv. (1)

6. Il-verb 'ħdimt' huwa fit-temp
a. perfett
b. imperfett
ċ. imperattiv
d. futur. (1)

7. Fis-sentenza 'Kelb rieqed la tqajmux', liema hu l-parteċipju attiv?
a. kelb
b. rieqed
ċ. la
d. tqajmux. (1)

8. 'Hemm' huwa pronom
a. dimostrattiv
b. personali
ċ. mehmuż
d. riflessiv. (1)

9. Il-verb 'stagħġeb' huwa
a. fit-tielet forma.
b. fil-ħames forma
ċ. fl-għaxar forma
d. fid-disa' forma. (1)

10. Jekk taqleb 'il-ħajja tal-bdiewa' fl-istat kostrutt din tiġi
a. ħajjiet il-bdiewa
b. ħajja l-bdiewa
ċ. ħajjet il-bdiewa
d. ħajjet tal-bdiewa. (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. L-Ortografija** **(10 marki)**

Sib l-iżball li hemm f'kull sentenza, immarkah b'linja taħtu u iktbu tajjeb fil-linja pprovduta.

**Eż. Il-<u>wiedien</u> faru bl-ilmijiet dis-sena.** _____widien_____

1. Minn fuq li qbiżt għalik, ħadt il-grazzi. ________________ (2)
2. Min jaf kemm il-darba nżilna ngħumu x-xatt? ________________ (2)
3. Illum sirt ma tixtri xejn b'għoxrin Ewro. ________________ (2)
4. Ilna siegħa nfiċċu post biex nipparkjaw! ________________ (2)
5. It-titjira għall-Litwanja telqet siegħa tard. ________________ (2)

**Taqsima E: Il-Letteratura** **(Total: ☐ 20 marka)**

**Agħżel bejn A (*Hemm Art fil-Folja*) JEW B (*Bejn Ħaltejn*)**

**A. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Hemm Art fil-Folja***

Aqra sewwa s-silta min-novella *Il-Mutu* ta' Walid Nabhan u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Meta darba fill Miss Antoinette ma kinitx tidħol għax-xogħol minħabba mard jew xi ħaġa oħra, l-impjegati kienu jagħmlu festa. Kulħadd kien jiċċelebra n-nuqqas tagħha bi stil differenti: kien hemm min kien jiżfen u kien hemm min kien jgħajjat u jwerżaq: f'dak il-kastell tal-kimika kulħadd kien jiċċelebra, barra bniedem wieħed, li ma jitbissem qatt, u ma jitkellem qatt, u ma jiqafx ipejjep. Ma kien jieħu interess f'xejn, la f'dak li kien qed jiġri bejn dawk il-ħitan ġganti u lanqas fil-bqija tad-dinja.

Imlieni bil-kurżità - mhix kurżità li tilħaq salib in-nies, naħlef li mhix, iżda kurżità li jiżragħha hu ġo fik. Malli rajt dak il-wiċċ gustuż ħadni ostaġġ: il-ħarsa miksura t'għajnejh kellha xi tip ta' maġija. Bdejt inħossni msaħħar, qisni tifel żgħir mitluf, irrid niġri wara l-istranġier bil-flawt miġnun tiegħu. Kull darba li staqsejt fuqu sibt l-istess risposta: "Minn dejjem hekk nafuh." U kultant id-diskors kien jintemm bi frażijiet ħorox: "Dak minnu hekk." Jew "Miskin naqra minus."

Min jista' jiddikjara li dan miġnun u l-ieħor nofs miġnun? U hu lilna kif jarana? Jinduna kemm indum inħares lejh biex nipprova nikxef x'hemm moħbi taħt dak il-wiċċ iffriżat? Jaf li kull meta jiltaqgħu għajnejna nħoss qisu moħriet jaħrat lil sidri?

Ma nafx x'tip ta' ġenn hu dan, x'tip ta' destin ġabni minn elfejn kilometru 'l bogħod biex ipoġġini bla ħila quddiem għajnejn dan ir-raġel. Ma jidhirlix li xi ħadd ieħor kien iffissa fuqu kif ġrali jien.

**Wieġeb**:

1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

It-tema ewlenija ta' din in-novella hija:

a. Id-dinja tax-xogħol

b. In-nostalġija

ċ. Ir-relazzjonijiet umani. (2)

2. In-narratur huwa l-protagonista. Identifika **ŻEWĠ** modi kif din l-istqarrija hija murija fis-silta.

a. ______________________________

b. ______________________________ (2)

3. Ikkummenta dwar ir-relazzjoni li kien hemm bejn Miss Antoinette u l-impjegati l-oħra.

______________________________

______________________________(2)

4. Fost l-impjegati kien hemm bniedem wieħed li "ma jitbissem qatt, u ma jitkellem qatt." X'turi r-ripetizzjoni tal-kelma 'qatt' dwar dan il-karattru?

______________________________

______________________________(3)

5. Skont dak li qrajt, spjega għaliex il-frażi "ħadni ostaġġ" tirrifletti tassew dak li qed iħoss in-narratur.

______________________________

______________________________(3)

6. "Min jista' jiddikjara li dan miġnun u l-ieħor nofs miġnun? U hu lilna kif jarana? Jinduna kemm indum inħares lejh biex nipprova nikxef x'hemm moħbi taħt dak il-wiċċ iffriżat? Jaf li kull meta jiltaqgħu għajnejna nħoss qisu moħriet jaħrat lil sidri?"

a. X'effett iħallu fuqek bħala qarrej dawn il-mistoqsijiet rettoriċi?

______________________________

______________________________(1)

b. Analizza fi kliemek dak li qed iħoss in-narratur meta jgħid "…nħoss qisu moħriet jaħrat lil sidri".

______________________________

______________________________(1)

***Din il-mistoqsija tkompli fil-paġna li jmiss.***

ċ. X'taħseb li jrid iwassal lill-qarrej meta n-narratur jgħid "wiċċ iffriżat"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

7. F'madwar **100 kelma** evalwa kif in-narratur iħaddem l-istil deskrittiv f'din is-silta biex jikkumplimenta l-osservazzjoni tiegħu fuq ir-raġel. Saħħaħ b'referenzi mis-silta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

**JEW**

**B. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Bejn Ħaltejn.***

Aqra sewwa s-silta min-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Ħadd ma kien jaf sewwa x'jisimha, iżda jekk issaqsi għall-Koranta ma kienx hemm tfajjel li ma kienx jaf jieħdok minnufih ħdejn l-għatba ta' darha. Kienet mara fuq l-erbgħin sena, u minkejja li kienet iżżomm ruħha u tbiddel libsa f'oħra - ilkoll ta' prezz modest - baqgħet ma laqtet l-għajn ta' ebda raġel. Iżda qalbha ma qatgħathiex, għaliex għand tal-ħaxix jew għand tal-laħam, ħsiebha kien aktar f'dak jew fl-ieħor milli fi ħwejjeġ oħra.

"Iż-żwieġ sagrament ukoll, u la hu sagrament, hu qaddis u jressaqna lejn Alla," kien itenni sikwit il-Kappillan, u l-Koranta kienet tgħallmet it-teorija bl-amment u ġieli kienet tgħidha lilha nnifisha f'xi waqtiet ta' skrupli.

Min seta' jlumha? Mara ta' darha, twajba u ħawtiela kemm tista' tkun ħlejqa umana, iżda weħidha. Familja ma kellhiex u ħbieb ftit li xejn. Jafha r-raħal bi ħġaru u ma jafha ħadd. Issellem lil min isellmilha, u xi drabi anke lil min ma jħarisx lejn kulħadd. Laqamha kien fost l-aktar imsemmijin, u biż-żmien kellu jsir leġġenda, iżda xejn aktar, xejn aktar. Wara nżul ix-xemx biebha kien jissakkar b'muftieħ mill-goffi, jintramew żewġ staneg tqal u ħoxnin, u jerġa' jinfetaħ inkiss inkiss l-għada filgħodu għall-quddiesa tal-ewwel. Ħajja bħal din kienet vojta iżjed minn tal-bqija, u donnha biex ittawwalha u ġġebbidha kuljum kienet tbakkar... biswitha, iħares lejha bla ma jegħja, kien ikun hemm dejjem San Ġużepp, ir-raġel xwejjaħ, wiċċu sewdieni - biż-żmien jew bix-xema' jew min-nislu – u wieħed ikollu jaħseb li kien dera tiġi ħdejh kuljum.

"San Ġużepp, inti tista' ħafna quddiem Alla, sibli raġel li jħobbni..."

**Wieġeb**:

1. a. Agħżel it-tajba.

Tema ewlenija f'din in-novella hija

i. in-nostalġija

ii. l-emarġinazzjoni u s-solitudni

iii. il-patrijottiżmu (2)

b. Sib u islet frażi li tidentifika t-tema magħżula.

______________________________ (2)

2. Minn dak li qrajt fl-ewwel paragrafu għaliex taħseb li n-novella jisimha 'Il-Koranta'?

______________________________ (2)

3. Lill-Koranta kien "Jafha r-raħal bi ħġaru u ma jafha ħadd.". X'turi din il-frażi dwar il-kundizzjoni soċjali ta' dan ir-raħal?

______________________________

______________________________ (2)

4. Agħti eżempju **WIEĦED** mis-silta li juri li din in-novella ma nkitbitx fi żmien riċenti.

______________________________

______________________________ (2)

5. Spjega kif l-awtur qiegħed iħaddem il-personifikazzjoni meta jirreferi għal San Ġużepp.

______________________________

______________________________ (2)

6. "Laqamha kien fost l-aktar imsemmijin, u biż-żmien kellu jsir leġġenda, iżda xejn aktar, xejn aktar."

a. Spjega fi kliemek il-metafora "leġġenda" kif imħaddma f'din is-silta.

______________________________

______________________________ (1)

b. X'effett tħalli fuq il-qarrej l-epiżewski f'din is-silta?

______________________________

______________________________ (1)

***Din il-mistoqsija tkompli fil-paġna li jmiss.***

ċ. Għaliex taħseb li l-awtur jibqa' ma jgħid qatt x'kien jisimha din il-mara?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

7. F'madwar **100 kelma**, evalwa kif l-awtur iħaddem l-istil deskrittiv f'din is-silta biex joħroġ aktar il-karattru tal-Koranta. Saħħaħ b'referenzi mis-silta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Ikteb bejn 270 u 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Inti u sħabek sifirtu għall-ewwel darba flimkien. Ikteb **rakkont** narrattiv dwar ġurnata partikolari waqt din il-btala.
2. Ikteb **bijografija** li fiha tiddeskrivi persuna li għalkemm mhix famuża, qiegħda tħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà li tgħix fiha.
3. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum nużaw ħafna affarijiet magħmula mill-plastik. Ikteb **ittra argumentattiva** indirizzata lill-editur ta' gazzetta dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-użu tal-plastik.
4. Rivista lokali tixtieq tibda tiddedika paġna dwar l-ikel Malti. Iktbilha **artiklu informattiv** dwar dan is-suġġett biex jiġi ppubblikat fil-ħarġa li jmiss.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**Taqsima B: Il-Qari** **(Total: ☐ 22 marka)**

**Lil moħħna kissirnieh**



It-teknoloġija, li f'ċertu oqsma għamlet l-affarijiet iktar prattiċi, tefgħet iktar responsabbiltajiet fuq l-individwu, li qiegħed ikollu, irid u ma jridx, juża lilha. Sa 10 snin ilu, l-aġenziji tal-ivvjaġġar kienu jieħdu ħsieb jirriservaw it-titjiriet għal min irid jivvjaġġa. Il-persuni li jbigħu kienu jieħdu ħsieb jgħinu lil min ikun irid jixtri, imma llum nagħmlu x-xirja u saħansitra l-kont waħedna. It-tajpisti jew is-segretarji kienu jieħdu ħsieb li jwasslu l-messaġġi ta' dawk li jkollhom wisq x'jagħmlu. Iżda llum, grazzi għall-ismartphone, dan kollu qed jagħmluh l-istess persuna u l-istess moħħ.

Illum il-moħħ irid jaħdem u jaħseb dak li qabel kienu jaħsbu għalih 10 persuni oħrajn, barra li xorta jrid jibqa' għaddej bil-ħajja tax-xogħol tiegħu. L-ismartphones ħadu post il-kalendarji, id-djarji, id-dizzjunarji, il-kamera tar-ritratti, l-albums tar-ritratti, it-tbassir tat-temp, id-diskursati mal-ħbieb u l-gazzetti bl-aħbarijiet. M'għadek tilmaħ lil ħadd miexi rilassat, imma kulħadd rasu 'l isfel bis-swaba' jtektku fuq il-mobile.

Illum m'għandekx għalfejn tistudja l-istorja u l-ġeografija, għax jekk trid tkun taf xi ħaġa, mur fuq il-mobile u taqra dak li xi ħadd kiteb. Għax moħħok m'għadux tiegħek, moħħok sar moħħ dak li ddeċieda jdaħħal dak li ried hu fl-internet. Xogħol moħħok hu li jaqrah u jgħidu bħal pappagall.

Niftakar żmien fejn waqt ikla bejn il-ħbieb jew mal-familja kulħadd kien jargumenta fuq politika, reliġjon, festi, futbol u x'naf jien. Illum dawk li jibqgħu madwar il-mejda u ma jmorrux ipejpu barra l-bieb tar-ristorant moħħhom biex itektku fuq l-ismartphone, u l-moħħ imsejken irid jaħdem fuq min skorja, fuq kemm mietu f'inċident tat-traffiku u x'aħbar ġdida daħlet fuq il-mobile. Għax dak il-moħħ li normalment jaħdem biex jgħinna nissoċjalizzaw, jispiċċa mmexxi minn dak il-biċċa apparat li ma jafx jagħżel bejn ħin ta' rilassament u ħin ta' xogħol, fejn min iħaddmek isibek fejn irid anke wara l-ħin tax-xogħol.

Għalkemm f'din id-dinja teknoloġika ħafna jiftaħru li għandhom il-ħila li jlaħħqu ma' ħafna affarijiet f'daqqa, li kapaċi jaħsbu ħafna affarijiet f'daqqa, qegħdin kulma jmur nindunaw li mhux talli dan mhux minnu, talli min jagħmel dan, ikun qed jieħu ħafna iżjed żbalji għax ma jkunx qed jikkonċentra fuq ħsieb wieħed. Mhux talli ma jqisx mitt darba, talli tant jieħu deċiżjonijiet mgħaġġla li lanqas ikun qed iqis x'qed jgħid u x'deċiżjoni qed jieħu. Mhux l-ewwel darba li jinqalgħu konsegwenzi koroh wara li jintbagħat xi sms jew email b'mod żbaljat.

Għalhekk wieħed jistaqsi, għandna l-ismartphones, iżda fejn spiċċa l-ismartperson? Moħħna kissirnieh u tlifnieh!

*(Artiklu ta' John Busuttil addattat minn 'Illum' tat-3 ta' Awwissu 2015)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

1. Niżżel **TLIET** affarijiet li minn meta daħal l-ismartphone m'għadniex nużawhom kif konna.

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________ (3)

2. Għaliex taħseb li l-istampa magħżula tikkumplimenta tajjeb dan l-artiklu?

______________________________

______________________________

______________________________(2)

3. Spjega fi kliemek skont is-sens tas-silta:

i. "it-tbassir tat-temp"

______________________________(2)

ii. "moħħna kissirnieh"

______________________________(2)

4. Skont dak li qrajt fl-ewwel paragrafu, xi żvantaġġi ġabu l-mobile u t-teknoloġija għall-individwu?

______________________________

______________________________(2)

5. Taħseb li l-kittieb għandu fiduċja f'dak li nsibu miktub fuq l-internet? Għaliex? Islet sentenza mill-artiklu sabiex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________

______________________________

______________________________(4)

6. Wara li qrajt dan l-artiklu, għaliex taħseb li jkun aħjar li nħallu l-mobile d-dar meta mmorru ikla mal-ħbieb jew mal-familja?

______________________________

______________________________

______________________________(2)

7. a. Skont il-kittieb, x'effett qed iħallu fuqna t-teknoloġija u l-fatt illi jkollna nlaħħqu ma' ħafna affarijiet f'daqqa?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(1)

b. Għal min taħseb li hu miktub dan l-artiklu?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(1)

8. Lejn l-aħħar tas-silta, x'jagħmel il-kittieb biex jinfluwenza l-ġudizzju tal-qarrejja? Għaliex taħseb li jagħmel hekk?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(3)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ / 22 marka)**

Il-kandidati jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji; eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tas-semantika.

**Il-Morfoloġija** (12-il marka)

A. Imla l-vojt skont il-kuntest.

Fl-irħula, li bi swied il-qalb qed narawhom ftit ftit jgħibu minn taħt għajnejna f'isem il-progress, kienu l-għaxqa tal-kampanja Maltija t-triqat dojoq u mserrpa li jagħtu għal kullimkien. Kienu jagħtu ħarsien lin-nies tal-irħula mill-irjieħ qawwija li jonfħu ta' spiss fi gżiritna. In-niċeċ kważi f'kull kantuniera u fuq kollox il-knisja ewlenija li kienet tiddomina fuq ir-raħal, kollha kienu xhieda tat-twemmin ta' missirijietna. Iz-zuntier u l-pjazza ta' quddiem il-knisja kienu ċ-ċentru soċjali tar-raħal fejn il-ħbieb kienu jiltaqgħu u jitkellmu fuq kollox. Fil-ftuħ tal-kampanja, 'il bogħod mill-irħula, kont issib numru kbir ta' kappelli żgħar u sempliċi mibnija minn niesna fl-imgħoddi u li għadhom sal-lum ifakkruna, mhux biss fi twemmin missirijietna, iżda wkoll fil-kontribut siewi tagħhom biex isebbħu u jagħtu l-element uman lill-ambjent rurali Malti. Il-ħajt tas-sejjieħ, ir-razzett, ir-raħal u l-kappella tal-kampanja huma mill-aktar umli, imma ċertament mhux l-inqas prezzjużi tal-wirt kulturali tagħna, u jipprovdu sfond għal ħarsa aktar wiesgħa lejn l-arkitettura f'Malta.

*(Addattata mill-kitba 'L-Arkitettura: Xhieda tal-Identità Nazzjonali' ta' Michael Ellul)*

1. Mis-silta sib u ikteb verb tat-tieni forma. ________________________ (1)
2. Mis-silta sib parteċipju passiv ta' nisel Semitiku. ________________________ (1)
3. Agħti nom fil-plural sħiħ. ________________________ (1)
4. Agħti l-għerq ta' 'isebbħu'. ________________________ (1)
5. Agħti z-zokk morfemiku ta' 'tiddomina'. ________________________ (1)
6. Nissel verb fit-tieni persuna plural imperfett minn 'kontribut'. ________________________(1)
7. Mis-silta sib nom bil-pronom mehmuż. ________________________ (1)
8. Ta' liema forma hu l-verb 'jitkellmu'? ________________________ (1)
9. Agħti avverbju mir-Rumanz. ________________________ (1)
10. Mis-silta sib u ikteb frażi fl-stat kostrutt. ________________________ (1)
11. Agħti aġġettiv pożittiv mir-Rumanz. ________________________ (1)
12. Nissel il-mamma mill-verb 'jgħibu'. ________________________ (1)

**Is-Semantika** (10 marki)

B. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba fil-parentesi.

Eż. 1. Il-**ġara** ma kenitx taf dwar dak li **ġara** fit-triq tagħna.

Il-kelma **ġara** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (persuna li tgħix ħdejk, verb ewlieni, qarib) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (nom tal-aġent, verb fl-ewwel forma, avverbju).

2. Il-**baħħar** dam biex **baħħar** lejn l-Awstralja.

Il-kelma **baħħar** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (nom tal-aġent, verb ewlieni, proċess li tiffumiga l-post) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (persuna tal-baħar, verb fit-tieni forma, fumigazzjoni).

3. Hekk kif hu u sħabu **daru** mal-kantuniera seta' jara **daru**.

Il-kelma **daru** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (verb fl-ewwel forma, binja, id-dahar tiegħu) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (post fejn tgħix, azzjoni mill-għerq DWR, parti mill-ġisem).

4. Il-kok **ħall** it-tapp tal-flixkun u ferra ftit **ħall**.

Il-kelma **ħall** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (xarba, isem ta' persuna, verb ewlieni) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (likwidu aċiduż, verb imnissel, aġġettiv pożittiv).

5. Alex għandu **xadin** fid-dar tiegħu u ġieli jkun **xadin** hu ma' sħabu.

Il-kelma **xadin** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (annimal, kumpann, bniedem li jilħaqlu) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (makakk, annimal, tifel).

6. Il-**bajda** ma kienet **bajda** xejn.

Il-kelma **bajda** fl-ewwel parti tas-sentenza hija (nom konkret, laqam, kulur) waqt li fit-tieni parti tas-sentenza hija użata bħala (ikel, nom kwalitattiv, aġġettiv pożittiv).

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima D: Letteratura: Taħriġ fuq test mhux imħejji.** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

**Jekk Tassew Temmen**

sieħbi,
jekk tassew temmen,
la tħallihomx ikomplu jnawru
is-siġra li f'żgħożitna
temgħetna l-ideal tal-ħajja;

int taf li din is-siġra
biex tgħix
biżżejjed l-għaraq tal-ħaddiem
u d-demm tal-għaqda

la tħallix għalhekk min idemmilha
bil-qligħ tal-isfruttar
U l-bżieq tax-xaba'

jekk tassew temmen.

*(Poeżija ta' Philip Sciberras)*

**Wieġeb:** (10 marki)

1. a. Il-poeżija tibda b'indirizz poetiku. X'tissejjaħ din il-figura tad-diskors, u għid għal min qed tirreferi l-kelma "sieħbi"?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

b. Tkellem dwar ir-raġuni għaliex il-poeta jħoss li għandu jagħmel dan l-indirizz.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. X'taħseb li qed tirrappreżenta s-siġra f'din il-poeżija?

________________________________________

________________________________________ (1)

3. a. Analizza l-funzjoni tal-metafora fit-tielet strofa.

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

b. Il-poeta juża r-reġistru ta' tkasbir. Islet **ŻEWĠ** kelmiet mill-poeżija li juru dan.

________________________________________ (2)

4. Sciberras juża l-kelma "jekk", biex biha joħloq xi suppożizzjonijiet. Għal xiex taħseb li jagħmel hekk?

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

**Letteratura: Il-Komponiment Letterarju**

Il-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **WAĦDA** li tista' tkun jew mill-antoloġija **Hemm Art fil-Folja** jew mill-antoloġija **Bejn Ħaltejn**.

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 200 kelma. (12-il marka)

**Hemm Art fil-Folja**

1. Analizza l-element nostalġiku li nsibu fix-xogħlijiet letterarji, *Waħdi* u *Żagħżugħ ta' Dejjem*, tal-poeta nazzjonali, Dun Karm.

**JEW**

2. Iddiskuti s-simboliżmu tal-pjanta u l-qasrija fin-novella *Il-Qsari tal-Fuħħar* ta' Joe Friggieri.

**JEW**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Bejn Ħaltejn**

1. Sfortunatament, il-mewt ma taħfirha lil ħadd. Uri kif din it-tema tispikka f'xi xogħlijiet letterarji mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

**JEW**

2. Il-kontinwità minn ġenerazzjoni għal oħra hija tema għal qalb ir-rumanzier. Iddiskuti kif Francis Ebejer jiżviluppa din it-tema importanti f'*Il-Ħarsa ta' Rużann*.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**TMIEM**

Paġna Vojta

Paġna Vojta